7 ta' Novembru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Angelo Grima

**"Finance Defence Regulations, 1952" — Preskrizzjoni — "Non Bis in Idem" — Ċertifikat tal-Gvernatur — Esportazzjoni — Reg. 17 u 23C. Notifikazzjoni tal-Gvern 214/1942.**

*F'każ ta' vjolazzjoni tal-Finance Defence Regulations ta' l-1942, iċ-ċertifikat tal-Gvernatur huwa "conclusive evidence" biex jipprova meta l-Gvernatur ġie a konjizzjoni ta' provi suffiċjenti fl-opinjoni tiegħu biex jiġġustifikaw prosekuzzjoni għal dik il-vjolazzjoni; u jekk bejn id-data li fiha, skond dak iċ-ċertifikat, il-Gvernatur ġie a konjizzjoni ta' dawk il-provi, u d-data meta nbeda l-proċediment, jidher li ma għaddewx tliet xhur, l-azzjoni penali għal dik il-kontravvenzjoni ma hix preskritta.*

*Biex jista' jingħad li hemm estinzjoni ta' l-azzjoni penali minħabba sentenza preċedenti, hemm bżonn li jkun l-istess fatt fiżikament rigwardat. Jekk ikun l-istess fatt, allura hemm il-ġudikat, avvolja l-Pulizija tkun, qabel, iddeduċiet titolu ta' reat divers minn dak dedott f'ġudizzju posterjuri fuq l-istess fatt; meta hemm, inveċe, żewġ fatti materjalment distingwibbli, ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat.*

*Il-fatt li l-imputat ma obdiex "direction" lilu mogħtija mit-Teżorier tal-Gvern biex jagħti xi tagħrif dwar il-fatti relattivi għal permess lilu mogħti għall-esportazzjoni ta' xi oġġett taħt il-"Finance Defence Regulations" u l-fatt li hu kiser xi kondizzjoni mposta f'dak*

*il-permess, huma żewġ fatti distingwibili; u għalhekk, meta l-imputat huwa mħarrek talli kiser xi kondizzjoni ta' dak il-permess, ma jistax jinvoka l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba l-fatt li preċedentement huwa kien ġie kundannat talli ma obdiex dik id-"direction".*

*Il-fatt li wieħed jikser il-kondizzjonijiet lilu mposti fil-permess ta' l-esportazzjoni ma jammontax għar-reat ta' esportazzjoni bla permess previst fir-regolament 17 ta'-dawk ir-regolamenti.*

*Imma dak il-ksur ta' kondizzjonijiet, mill-banda l-oħra, jaqa' taħt it-tielet inċiż ta' l-art. 230.; u għalhekk l-imputat, li ma jistax jiġi ritenut ħati ta' esportazzjoni bla permess, jista' jiġi ritenut ħati ta' ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-permess fl-istess kawża, mingħajr ma hu ta' ostakolu l-fatt li fl-appell l-imputazzjoni ma tistax titbiddel; għax meta l-imputazzjoni hija ta' esportazzjoni bla permess minħabba li kien hemm ksur ta' kondizzjoni tal-permess, l-addebitu ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-permess qiegħed hemm, u ma jistax jingħad li hi kwistjoni ta' żieda jew alterazzjoni minn addebitu miktub fiċ-ċitazzjoni għal ieħor li ma hux miktub fiha.*

L-imsemmi Angelo Grima ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar tliet snin, bi ksur tal-kondizzjonijiet imposti fil-permess mogħti mill-Gvernatur jew f'ismu, u għalhekk mingħajr permess tali, esporta żiemel tat-trott tal-valur ta' £120 għal Tunes, li hu post f'territorju li għalih jgħodd ir-regolament 17 tad-"Defence (Finance) Regulations, 1942", mingħajr ma wera b'soddisfazzjon tal-Kollettur tad-Dwana illi l-ħlas ta' l-imsemmi żiemel sar lill-persuna li tgħammar f'Malta jew fil-Gżejjer li jagħmlu magħha bil-mod ordnat mill-Gvernatur dwar Tunes, jew illi l-ħlas taż-żiemel kellu jsir b'dak il-mod, mhux iżjed tard minn sitt xhur wara d-data ta' l-esportazzjoni jew sa żmien aktar konċess mill-Gvernatur jew f'ismu, u illi l-ammont tal-ħlas jirrappreżenta l-valur sħiħ taż-żiemel;

B'sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju 1952, dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angelo Grima ħati skond l-imputazzjoni, u ikkundannatu għall-piena tal-multa ta' £250, u tagħtu żmien ħmistax għall-ħlas;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Meta dan l-appell ġie għas-smiegħ l-ewwel darba quddiem din il-Qorti fil-21 ta' Ġunju 1952, ġiet dibattuta preliminarment il-kwistjoni jekk lill-imputat kellux jiġi konċess il-permess, lilu miċħud mill-Ewwel Qorti, li jinħarġu rogatorji għas-smiegħ ta' xhieda f'Tunes. Wara li din il-Qorti tat provvediment istruttorju fis-6 ta' Settembru 1952 (fol. 40) bid-deċiżjoni preambula tagħha tat-18 ta' Ottubru 1952 (fol. 51), ammettiet it-talba għall-prova rogatorjali; u fid-29 ta' Novembru 1952 (fol. 66) dina l-Qorti ħarġet l-ordni għas-smiegħ tal-provi, billi tat istruzzjonijiet lir-Reġistratur li jikteb l-ittra rogatorjali opportuna lill-President tat-Tribunali ta' Tunes. Dawn ir-rogatorjali ġew lura minn Tunes, jew aħjar ġew mir-Reġistratur imqiegħda quddiem din il-Qorti bin-nota tiegħu tas-16 ta' April 1953 (fol. 68);

Quddiem din il-Qorti d-difiża ssollevat l-eċċezzjoni illi l-azzjoni ma ġietx esperita fi żmien tliet xhur mid-data li fiha provi, suffiċjenti fil-fehma tal-Gvernatur biex jiġġustifikaw prosekuzzjoni għar-reat, ġew a konjizzjoni tal-Gvernatur, skond ir-regolament nru. 23C. (6) tad-Defence (Finance) Regulations, G.N. 214 ta' l-1942 (ara verbal fol. 91 tal-proċess);

Peress li, skond il-proviso ta' l-istess regolament, ċertifikat tal-Gvernatur għar-rigward tad-data li fiha dawn il-provi ġew a konjizzjoni tiegħu, jikkostitwixxu "conclusive evidence", l-Avukat tal-Kuruna talab li jiġi lilu permess li jippreżenta dan iċ-ċertifikat. Id-difiża opponiet ruħha (ara verbal fol. 91 u n-noti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża, fol. 92 u fol. 98); iżda l-Qorti, b'deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Ġunju 1953 (fol. 102), ippermettiet il-produzzjoni taċ-ċertifikat. B'nota tat-12 ta' Awissu 1953 (fol. 106) l-Avukat tal-Kuruna ippreżenta ċertifikat firmat, fl-assenza tal-Gvernatur, mill-Uffiċjal li jamministra l-Gvern (fol. 107). B'nota tagħha tas-17 ta' Awissu 1953 (fol. 108), id-difiża ssottomettiet li dak iċ-ċertifikat kien irrilevanti, għax kien firmat minn Uffiċjal li ma kienx għadu assuma l-karika tiegħu hawn Malta meta żvolġew ruħhom il-fatti li ċ-ċertifikat suppost li kien qed jattesta. B'nota tas-17 ta' Ottubru 1953 (fol. 111) l-Avukat tal-Kuruna ippreżenta ċer-

tifikat iehor, firmat mill-Gvernatur, li sadattant kien irritorna f'Malta;

Ikkunsidrat:

L-eċċezzjoni tad-difiża li l-azzjoni hi perenta ma tistax issehh di fronti għal dak iċ-ċertifikat. Dan hu każ ta' dak li fis-sistema proċedurali ingliż jissejjah "pre-appointed evidence" (ara Cockle's Cases and Statutes on Evidence, 4th edition, p. 144); u eżempji oħra simili jirrikorru fi statuti ingliżi oħra, bħal, per eżempju, il-Companies Act, 1908, ss. 17 (1), 168 (1), 236 (2), Bankruptcy Act 1914, sec. 137 (2), 143, 144 (2). Għal-hekk, ladarba b'ligi, iċ-ċertifikat hu "conclusive evidence", u ladarba bejn id-data li fiha l-Gvernatur ġie a konjizzjoni tal-provi u d-data ta' l-inizju ta' din l-azzjoni ma għaddewx aktar minn tliet xhur (infatti, skond iċ-ċertifikat fol. 112, il-Gvernatur ġie a konjizzjoni tal-provi fil-15 ta' Novembru 1951, u l-azzjoni nbdiet fil-21 ta' Diċembru 1951), għandu jingħad li l-prosekuzzjoni ta' l-azzjoni mbdiet tempestivament; u konsegwentement l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta;

Fil-meritu, ikkunsidrat:

Ma hux kontrastat bejn il-partijiet li fis-17 ta' Jannar 1949 ġie rilaxxjat mill-Exchange Control favur l-imputat permess li jispedixxi f'Tunes żiemel ("trotting horse") jismu "Plenerie", taħt il-kondizzjoni li jinġieb lura f'Malta fi żmien erba' xhur. Infatti fuq iċ-ċertifikat hemm dawn il-kliem :— "No payment involved. Trotting horse is being taken to Tunis to take part in races, and will be returned to Malta within four months";

Ma hux lanqas kontrastat bejn il-partijiet li, kieku ż-żiemel inġieb lura f'Malta fiż-żmien indikat, ma kien ikun hemm ebda kwistjoni ta' prosekuzzjoni taħt ir-regolamenti fuq imsemmija għal xi raġuni oħra;

Għandu jingħad li, f'ċertu żmien, ġiet mogħtija mit-Teżorier tal-Gvern, f'isem il-Gvernatur, "direction" biex l-imputat juri d-dokumenti meħtieġa dwar dan il-fatt f'terminu ndikat fl-istess "direction"; u peress li l-imputat naqas li jikkonforma ruħu ma' din id-"direction", hu ġie mħarrek. Il-Qorti tal-Maġistrati, wara li kkonstatat l-ammissjoni tal-fatt, u wara li rrilevat li l-imputat għamel kull ma seta' biex jottempera

ruħu mad-"direction", u li l-każ ma hux gravi, sabitu ħati u kkundannatu għall-multa ta' £10;

In bażi għal din id-deċiżjoni, l-imputat f'din il-kawża, fil-Qorti t'Isfel, issolleva l-eċċezzjoni tan-"non bis in idem"; liema eċċezzjoni ġiet respinta mill-Maġistrat fis-sentenza issa appellata. F'din l-istanza l-imputat inkluda d-deċiżjoni dwar l-istess eċċezzjoni fost il-gravami tiegħu; u għalhekk dina l-Qorti għandha teżamina wkoll dan il-pont;

Issa, kif ġa rritjena l-Imħallef sedenti fis-sentenza "Pul. vs. Saliba" tat-28 ta' Frar 1953, biex jista' jingħad li hemm *l-estinzjoni ta' l-azzjoni minħabba sentenza preċedenti, hemm* bżonn li jkun l-istess fatt, fiżikament rigwardat. Jekk ikun l-istess fatt, allura hemm il-ġudikat, avvolja l-Pulizija tkun, qabel, iddeduċiet titolu ta' reat divers minn dak dedott f'ġudizzju posterjuri fuq l-istess fatt. Meta hemm, però, żewġ fatti materjalment distingwibili, ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat;

Issa, f'dan il-każ, il-fatt li l-imputat ma obdiex id-"direction", u l-fatt (allegat mill-Prosekuzzjoni) li hu kiser il-kondizzjoni tal-permess, *huma żewġ fatti materjalment distingwibili*; u għalhekk ma jirrikorrix in-"non bis in idem";

Żgumbrat it-terren minn dawn l-inċidenti preambuli, hu xieraq li wieħed jgħaddi issa għall-eżami tal-fatt li fuqu l-Prosekuzzjoni timpernja l-imputazzjoni — illi, ċjoè, l-imputat naqas li jġib lura Malta ż-żiemel fit-terminu impost lilu fil-permess;

L-imputat ma jikkontestax li ż-żiemel ma nġiebx lura fit-terminu, iżda jgħid li ż-żiemel ma nġiebx lura għax kien talment *marid li ma kienx possibili li jinġieb, u l-lum jinsab* mejjet. Għalhekk, issostni d-difiża, kien hemm l-impossibilità li l-imputat jottempera ruħu mal-kondizzjoni;

L-Imħallef sedenti, wara li rriflettа fuq il-provi, partikolarment dawk rogatorjali, hu ta' fehma li l-imputat ma rraġġungiex din il-prova ta' l-impossibilità ta' l-eżekuzzjoni, li ċertament tmiss lilu. Hu veru li dan iż-żiemel miet fil-bidu ta' l-1951, imma l-provi ma humiex biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti li l-imputat ma setax iġibu lura fit-terminu, *ċjoè mhux aktar tard mis-17 ta' Mejju 1949. Ix-xhud*

Genovese, li kien inkarikat bħala "trainer" taż-żiemel, igħid *li dan iż-żiemel kien fi stat ħażin ħafna*.............;

Din ix-xhieda ta' Genovese ma tistax tikkonvinċi lill-Qorti, għalex tinsab in konflitt maċ-ċirkustanzi l-oħra li jemergu mill-proċess.............. Dak li qal Genovese dwar l-impossibilità li ż-żiemel jiġi mbarkat għal Malta ma hux kredibili; għax vapuri jiġu spiss, annimali spiss jiġu mbarkati, u ż-żiemel ma kienx fi stat tali li ma setax jiġi mbarkat. apparti li, biex ikun hemm l-iskriminanti, "ma hix biżżejjed id-diffikultà, imma jeħtieġ li jkun hemm l-impossibilità";

*Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li l-imputat ma wasalx biex jilħaq il-prova li kien għalih impossibili li jerġa' jġib lura ż-żiemel fit-terminu lilu impost bħala kondizzjoni tal-permess;*

Stabbilit dan il-fatt, però, jeħtieġ li tiġi affrontata kwistjoni oħra ta' importanza, dik, ċjoè, li jiġi determinat għal liema reat jammonta l-fatt ta' l-imputat, li esporta ż-żiemel bil-permess, imma kiser il-kondizzjoni taż-żmien tar-ritorn taż-żiemel;

*Il-Prosekuzzjoni tagħmel ir-raġunament* li, ladarba l-imputat kiser il-kondizzjoni tal-permess, għalhekk, għall-finijiet tal-Finance Regulations, għandu jitqies li esporta bla permess. Vwoldiri li, skond it-teżi tal-Prosekuzzjoni, l-esportazzjoni bil-permess taħt kondizzjoni li tiġi miksura tekwivali għall-esportazzjoni bla permess;

Dina l-Qorti, wara li pponderat sewwa fuq dan il-pont, tħoss li ma tistax taċċetta din it-teżi; għar-raġunijiet konvinċenti li sejrin jissemmew :—

*(1) Ir-regolament* nru. 17, li taħtu nġiebet l-imputazzjoni, u li taħtu l-Ewwel Qorti sabet ħati l-imputat, igħid :— "Subject to any exemptions which may be granted by order of the Governor, no person shall, except with permission granted by or on behalf of the Governor, export goods of any class or description to a destination in any territory to which this regulation is applied by order of the Governor, etc.". Hu ta' evidenza palmari li n-nuqqas li qiegħda tikkontempla l-liġi f'din id-dispożizzjoni hu n-nuqqas ta' permess, u jidher *kwindi loġiku li jingħad li*, appena hu konstatat li per-

mess kien hemm, kif "ex concessis" kien hemm fil-każ preżenti", allura jeżula r-reat viżwalizzat minn din id-dispożizzjoni. Hi regola ta' interpretazzjoni li, meta l-kliem tal-liġi huma ċari, allura ma hemmx lok għall-interpretazzjoni; u hi regola oħra ugwalment indubitata li, fejn il-leġislatur ma għamelx ebda distinzjoni, hekk ukoll ma tistax tagħmilha l-Qorti. Kien ikun, għalhekk, kontra dawn iż-żewġ regoli ta' ermenewtika kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-Prosekuzzjoni, li bil-kliem "bla permess" l-interpreti għandu jifhem ukoll il-kliem "meta l-kondizzjonijiet tal-permess jiġu miksura", u għandu għalhekk jintroduċi fil-liġi distinzjoni li fit-test tagħha ma hemmx;

(2) Ma hemm xejn fid-dispożizzjonijiet oħra tal-liġi li jawtorizza lit-tribunal li jekwipara l-każ ta' ksur ta' kondizzjoni tal-permess mal-każ ta' esportazzjoni bla permess. Kieku l-leġislatur ried jekwipara ż-żewġ każijiet, kien igħidu, kif seta' faċilment jagħmel, kieku ried, billi jgħid li min jikser kondizzjoni tal-permess jitqies daqs kieku esporta bla permess. Mingħajr dispożizzjoni leġislativa "ad hoc" mhux leċitu għall-ġudikant li jassimila ħaġa għall-oħra, għaliex b'hekk il-ġudikant ikun qiegħed jittrasforma ruħu f'leġislatur;

(3) Lanqas jidher loġiku li każ jiġi ekwiparat għall-ieħor, għax "prima facie" hu aktar gravi li operazzjoni li tinteressa l-Finance Regulations issir bla permess milli illi tiġi vjolata kondizzjoni tal-permess. Se non altro, dina l-gravità akbar tiġi mill-konsiderazzjoni li, meta jittieħed permess, allura l-Gvern jista' jikkontrolla l-operazzjoni, għax jaf biha, mentri meta permess ma jittieħedx, l-operazzjoni, peress li tkun saret bil-moħbi, tista' tisfuġġi għall-kontroll tal-Gvern. Hi aktar gravi wkoll, għaliex wieħed għandu jippreżumi li min ma jieħux permess ta' xejn, aktarx dan vwoldiri li jrid jagħmel bil-moħbi xi ħaġa kontra l-liġi tal-kontroll, mentri min ifittex u jieħu dak il-permess aktarx vwoldiri li jrid juniforma ruħu mal-liġi, għaliex diversament ma kienx jitlob il-permess, li hu jaf li jista' jingħata anki taħt kondizzjonijiet; konsegwentement, jekk in linea ta' massima hu aktar gravi l-fatt ta' min ma jieħux affattu permess mill-fatt ta'

min ma josservax susseg wentement xi kondizzjoni tal-permess, allura tinżel loġika l-konsegwenza li l-ġudikant, meta ma hemmx għal daqshekk ebda dispożizzjoni tal-liġi, ma jistax u ma għandux jekwipara infrazzjoni gravi ma' oħra "prima facie" anqas gravi, li anzi tista' tkun anki ħafifa, meta l-kondizzjoni miksura tkun ta' importanza żgħira;

(4) Skond is-sistema tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat huwa kunsidrat delitt, u mhux sempliċi kontravvenzjoni, meta jġib għall-piena tad-delitti, ammenokkè ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja espressa. F'dan il-każ, dispożizzjoni kuntrarja espressa ma hemmx, u l-pieni huma tad-delitti. Għalhekk, dejjem skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi maltija, u skond is-sistema penali malti, għal dan ir-reat jeħtieġ li jkun hemm l-intenzjoni kriminuża. Issa, l-intenzjoni kriminuża għandha tippreċedi, jew almenu takkompanja, l-att materjali tal-vjolazzjoni. Issa, kif jista' jkun li persuna, li tkun kisret kondizzjoni tal-permess wara li talbitu u ottenietu, titqies daqs kieku ma ħadetx permess, meta hi ma setgħet qatt kellha l-intenzjoni li ma tieħux permess, ġa ladarba fil-fatt ħadet il-permess? Kif jista' qatt jingħad li dik il-persuna, li kisret biss kondizzjoni ta' permess, ikkommettiet ir-reat ta' esportazzjoni bla permess, meta għal dan ir-reat teħtieġ l-intenzjoni kriminuża li tevadi l-permess, li f'dan il-każ tkun fil-fatt ħadet?

(5) Fis-sistema tal-leġislazzjoni maltija, f'materja kriminali, tant fil-Kodiċi Kriminali kemm ukoll f'dispożizzjonijiet ta' xorta kriminali f'liġijiet oħra lokali, ma hemm qatt li n-nuqqas ta' permess jew liċenza, xi tkun, u nuqqas ta' tħaris ta' kondizzjoni ta' permess, huma l-istess ħaġa. Hekk, per eżempju, biex wieħed isemmi l-aktar każ komuni, meta tingħata liċenza għal ħanut ta' l-inbejjed u likuri spiritużi, din hi sottoposta "ipso facto" għad-diversi regolamenti li jiggovernaw it-tmexxija ta' ħanut simili, li huma kondizzjoni tal-liċenza. Imma, jekk it-titolari jikser xi waħda minn dawk il-kondizzjonijiet, hu qatt ma ġie, u qatt ma jista' jiġi, imputat li mexxa l-ħanut bla liċenza. Ma hemmx raġuni li, fil-każ preżenti, ġudikat taħt liġi magħmula għal Malta u interpretabili skond is-sistema leġislativ malti, għandha ssir eċċezzjoni għal dak li sar dejjem u solitu jsir;

(6) Hi anki ta' importanza mhux żgħira r-riflessjoni illi hu kanoni qatt dubitat ta' interpretazzjoni ta' liġijiet kriminali, li ebda estensjoni ma għandha ssir; anzi li, in materja kriminali, l-interpretazzjoni, għax "in odiosis", għandha tkun ristrettiva. Kien ikun kontra dan il-prinċipju kieku wieħed keliu jinterpreta d-dispożizzjoni fuq ċitata, li xejn ma ssemmi dwar in-nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjonijiet tal-permess, daqs kieku dan kien imsemmi;

Għalhekk din il-Qorti hi ta' opinjoni illi fl-istat tal-liġi maltija, interpretata skond il-prinċipji tas-sistema ġuridiku malti, il-fatt li persuna tikser kondizzjoni tal-permess, regolarment lilha mogħti, ma jistax jammonta għar-reat ta' nuqqas ta' permess; u l-persuna li tkun kisret il-kondizzjoni għandha tirrispondi biss ta' dan il-fatt, ammenokkè l-eżekuzzjoni tal-kondizzjoni ma tkunx saret impossibili bla ħtija tal-persuna stess (bħal, per eżempju, kieku, f'dan il-każ, iż-żiemel miet qabel l-għeluq tal-kwadrimestre), jew ammenokkè l-kondizzjoni, minħabba xi tibdil sussegwenti, ossija ċessazzjoni ta' dik iċ-ċirkustanza ta' fatt li kienet issuġġeriet il-kondizzjoni, jew kienet konnessa magħha, jew għal xi raġuni leġittima oħra, ma tkunx waqgħet weħedha ("lapsed");

Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta t-teżi tal-Prosekuzzjoni, avanzata f'dan il-każ, li n-nuqqas ta' tħaris ta' kondizzjoni ta' permess jekwivali għal nuqqas ta' permess; u konsegwentement il-fatt addebitat lill-imputat ma jistax jaqa' taħt ir-regolament nru. 17 fuq ċitat;

Issa, l-Imħallef sedenti jaħseb li n-nuqqas ta' tħaris ta' kondizzjoni tal-permess ma jistax jidħol taħt it-tieni inċiż tar-regolament nru. 23C, għax fir-regolamenti ma hemmx l-"offence" speċifika ta' nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjoni tal-permess għall-esportazzjoni ta' "goods", imma hemm biss l-"offence" speċifika ta' esportazzjoni bla permess. Fl-istess ħin, peress li l-kondizzjonijiet fil-permess jiġu mposti bis-saħħa tal-permess li jingħata skond ir-regolamenti, għalhekk il-ksur tal-kondizzjoni huwa ksur ta' "requirement" imposta taħt dawk ir-regolamenti, għax il-kondizzjoni hi wkoll "requirement", u kwindi hu ksur tar-regolamenti, u jaqa' taħt it-tieni inċiż tar-regolament nru. 23C., li jikkontempla l-każ ta' kull "of-

fence'' ohra mhux kontemplata fit-tieni inċiż. Vwoldiri, fil-fehma ta' l-Imħallef sedenti, u fl-istat tal-liġi, it-tieni inċiż jikkontempla l-offiżi speċifikatament msemmija fir-regolamenti (fosthom l-esportazzjoni bla permess, imma mhux il-ksur ta' kondizzjoni ta' permess simili), u t-tielet inċiż jikkontempla l-ksur tar-regolamenti in ġenere għall-infwori tar-reati speċifiċi, kif inhu dan il-każ, li fih l-imputat kiser ir-regolamenti għax kiser "requirement" jew kondizzjoni mposta bis-saħħa tagħhom; imma ma kiserx ir-regolament numru 17, li jikkontempla l-"offence" speċifika ta' l-esportazzjoni bla permess ta' xejn;

Jista' jiġi obbjettat li fl-appell l-imputazzjoni ma tistax titbiddel. Dan hu veru, u l-pont ġie kemm il-darba affermat. Però, fil-każ preżenti ma hemmx lok għal din l-obbjezzjoni: għar-raġuni li fiċ-ċitazzjoni hemm addebitat lill-imputat il-ksur tal-kondizzjoni ta' permess, biss jingħad li dan jammonta għal nuqqas ta' permess; imma l-addebitu qiegħed hemm, u kwindi ma hix kwistjoni ta' żieda jew alterazzjoni minn addebitu miktub fiċ-ċitazzjoni għal ieħor fiha mhux miktub. Mhux biss; imma l-kwistjoni kollha ta' fatt, li fuqha kkonċentraw tant il-Prosekuzzjoni kemm id-difiża, kienet appuntu dik jekk il-ksur kienx dovut għal fatt volontarju ta' l-imputat jew inkella għal fatt li ma kienx jiddependi minnu;

Il-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel dawn ir-riflessjonijiet għall-finijiet tal-qies tal-piena fil-latitudini tagħha kif kontemplata fl-"ewwel inċiż" tar-regolament 23C, kombinat mat-"tielet inċiż" ta' l-istess regolament;

Il-fatt li tiegħu qiegħed jirrispondi l-imputat hu sempliċement dak li bagħat żiemel Tunes għat-tiġrija bil-permess tal-Gvernatur, iżda naqas li jirritornah f'Malta fiż-żmien ta' erba' xhur impost fil-permess. Irriżulta mill-provi li verament dan iż-żiemel ġie mibgħut Tunes għat-tiġrijiet, li ġie fdat lil "trainer" għal dan l-skop, li kien marid u in segwitu miet Tunes, u li aktarx kien diffiċili, imma mhux impossibili, li jiġi ritornat Malta; l-inkolpazzjoni ta' l-imputat qiegħda biss fid-distinzjoni bejn diffikoltà ta' eżekuzzjoni u impossibilità ta' eżekuzzjoni. Ma kien hemm ebda pagament involut, u għalhekk ġiet imħarsa l-kondizzjoni "primarja" tal-permess, espressa bil-kliem

"no payment involved". Il-Prosekuzzjoni la ppruvat, u lanqas ttantat tipprova, u molto meno qatt ġie mill-prosekutur allegat fid-dibattitu orali, li l-imputat għamel, jew kien bi ħsiebu jagħmel, jew ittanta jagħmel, xi operazzjoni jew xi pagament bi preġudizzju għall-iskopijiet tal-*Finance Regulations*. Ma ġiex lanqas biss allegat li l-imputat ma ġiebx iż-żiemel lura għal xi intendiment li kien kuntrarju għal dawk l-iskopijiet jew leżiv tagħhom. Ma ġiex allegat kontra l-imputat, molto meno pruvat, li l-imputat mexa b'xi ingann biex jagħmel xi profitt għalih b'evażjoni tar-regolamenti, jew li ttanta jimmaskera xi operazzjoni tiegħu biex jaħrab xi *regolament tal-finanza*. Hu veru li fl-ittra tiegħu fol. 6 l-imputat qal li ż-żiemel kien ġie donat lil ħabib tiegħu f'Tunes; però ma jidherx li din id-dikjarazzjoni tbiddel il-pożizzjoni; għal dawn *ir-raġunijiet*: (a) fl-ittra tiegħu tas-6 ta' Novembru 1950 (fol. 5) l-imputat kien ġà qal li ż-żiemel ma setax jinġieb lura għax affett minn "lameness", u żied jgħid li kien qiegħed jistenna l-provi dokumentali minn Tunes dwar daqshekk; (b) fl-ittra tiegħu fol. 6, tas-27 ta' April 1951, għalkemm qal li ż-żiemel kien "donated", però fl-ewwel paragrafu ta' l-istess *ittra tenna li ż-żiemel* ma kienx fi stat li jinġieb lura, u reġa' talab żmien biex iġib il-provi minn Tunes; (c) il-kelma "donated" bi pjuttost użata in kontrappożizzjoni mal-kliem "not traded", li l-*imputat* użà f'dik l-ittra immedjatament qabel il-kelma "donated", u għalhekk jidher li dak li l-imputat ried jirrileva bil-kelma "donated" kien li hu ma *kienx għamel ebda operazzjoni ta' pagament* dannuża għall-iskopijiet tal-"Finance Regulations"; (d) u r-riżultanzi tal-proċess fil-fatt juru li ma saret ebda operazzjoni ta' finanza, la aperta u lanqas *maskerata taħt forma* ta' donazzjoni. Aktarx li, kif juru ċ-ċirkustanzi tal-każ, din kienet negliġenza fit-tħaris tal-kondizzjoni, probabilment għax iż-żiemel sadattant marad u kien *riesaq għax-xjuħija*, u sussegwentement, meta l-imputat ġie pressat mit-Teżor, hu ma setax iġib lura ż-żiemel għax dan fil-frattant kien miet Tunes;

L-egħmil ta' l-imputat *jikkostitwixxi dak li, bi frażi* komuni, jissejjaħ "technical offence", in kwantu li l-imputat kiser il-kondizzjoni, iżda l-vjolazzjoni kienet pjuttost ta' forma milli ta' sostanza, u b'dik il-vjolazzjoni *ma sar xejn ta' preġu-*

dizzju għal dak li r-regolamenti huma ntiżi li jipproteġu, ċjoè l-valur ta' l-isterlina u d-diversi fatturi li jistgħu joperaw bi ħsara ta' dak il-valur;

Il-Qorti għandha wkoll tqis l-entità tal-kondizzjoni; għax mhux kull kondizzjoni hi ugwalment importanti, u ċ-ċirkustanzi sussegwenti tal-każ jistgħu wkoll ikomplu jnaqqsu minn dik l-importanza;

Għalhekk il-Qorti tiddisponi mill-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, issib l-imputat mhux ħati tar-reat kontemplat fl-art. 17 tar-regolamenti, iżda ħati biss tal-ksur kondizzjoni tal-permess lilu mogħti għall-esportazzjoni ta' żiemel minn Malta; u wara li rat ir-regolament 23C, (1) u (3), G.N. 214 ta' l-1942, u wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, tikkundanna lill-imputat għall-piena tal-multa ta' £20.